MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 1190/2007/1

**Malta Shipyards Limited**

**v.**

**VPJ Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressqet is-socjeta` attrici fit-13 ta’ Novembru 2007 li jaqra hekk:
“1. Illi s-socjeta` attrici Malta Shipyards Limited hija kreditirici tas-socjeta` konvenuta VPJ Limited fis-somma globali ta’ tmint elef, mija u wiehed u disghin liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm8,191.88c), kwantu ghas-somma ta’ sebat elef, disa’ mija u zewg liri u tmienja u

tmenin centezmu (Lm7,902.88c) bilanc tal prezz ta' xoghlijiet, riparazzjonijiet u servizzi ezegwiti fuq inkarigu tas-socjeta` konventuta fuq il-barkun Michael III skont l-*invoices* numri 11482 u 11531, it-tnejn tal-11 t' Awissu 2005; u kwantu ghall-bilanc ta' mitejn u disgha u tmenin lira Maltin (Lm289) prezz ta' servizzi esegwiti fuq inkarigu tal-istess socjeta` konvenuta fuq il-vapur MV Zebbug skont l-*invoice* numru 12141 tat-2 ta' Novembru 2006, oltre l-imghax kif stipulat fl-imsemija *invoices* sad-data tal-pagament effettiv.

"2. Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas, hija baqghet inadempjenti.

"3. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u sa fejn taf ir-rikorenti, is-socjeta` intimata ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

"Ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega, is-socjeta` rikorrenti talbet li din il-Qorti joghgobha:

"(i) tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

"(ii) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta VPJ Limited thallas lir-rikorrenti s-somma ta' Lm8,191.88c bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet, riparazzjonijiet u servizzi esegwiti mill-istess rikorrenti fuq inkarigu tal-istess VPJ Limited kif fuq inghad.

"Bl-ispejjez komprizi tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Jannar 207 u bl-imghaxijiet skont il-ligi u skont l-*invoices* imsemmija sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta minn issa ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata li ressqet is-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"<u>Dwar il-fatti</u>:

"Illi l-fatti dikjarati mill-atturi huma kontestati u l-ebda wahda mill-fatti indikati ma hi ammessa. Illi s-socjeta` intimata m'hijiex debitrici tar-rikorrenti u ma ghandha thallas xejn fost l-obrajn ghar-ragunijiet hawn taht indikati.

"<u>Eccezzjonijiet</u>:

"1. Preliminarjament illi din il-Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni mehtiega biex tisma' l-kaz u hi ma hijiex qieghda tissottometti ruhha ghall-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti stante li l-mertu tal-kawza hi regolata minn Klawsola Arbitrali kontenuta fil-kuntratt mal-Malta Shipyards Limited. Il-klawsola in kwistjoni taqra kif gej:

*"21.3 Arbitration. Any dispute, difference or claim arising out of or in conneciton with this Contract, other than any dispute which is successfully determined in accordance with sub-clause 21.2 above shall be referred to Arbitration. The seat of Arbitration shall be London, England. The arbitration proceedings shall be in the English language and shall be governed by the Arbitraton Act 1996 or any statutory re-enactment or variation thereof in force at the time of the reference to arbitration".*

"2. Illi kompletament bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti ghanhom jigu michuda.

"(i) In kwantu dak li jirrigwarda li l-ammont ta' Lm289 mitluba in konessjoni mal-MV Zebbug gja thallas kif evidenzjat mill-ircevuta annessa.

"(ii) Illi in kwantu ghal dak li jirrigwarda ix-xoghlijiet li saru fuq l-MV Michael III u Michael IV, dawn ma sarux skont is-sengha u l-arti u wasslu fil-fatt biex jintilef il-bastiment Michael IV u ghaldaqstant ir-rikorrenti mhijiex intitolata titlob il-hlas ta' xoghlijiet li ma sarux kif pattwit skont is-sengha u l-arti.

"3. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

"4. Illi ghal kull buon fini gie indikat mil-eccipjent li l-eccezzjonijiet hawn moghtija huma separati u indipendenti minn xulxin u qieghdin jinghataw kull wahda bla pregudizzju ghall-ohrajn.

"5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Mejju 2009 li in forza taghha:
"tilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata li din il-Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni mehtiega biex tisma' l-kaz minhabba l-klawsola arbitrali kontenuta fil-kuntratt mal-Malta Shipyards Limited. Ghalhekk a tenur tal-Kap. 12 Artikolu 742 (3) tordna li jitwaqqfu l-procedimenti minghajr pregudizzju ghal dak li jintqal fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu.

"Spejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` attrici."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"**B. PROVI:**

"Rat in-nota ta' riduzzjoni li giet prezentata mis-socjeta` rikorrenti fit-13 ta' Frar 2008, li permezz taghha irriduciet it-talba taghha ghall-ammont ta' €18,410, oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez kif spjegat fir-rikors guramentat.

"Xehed Joseph Zammit u qal li ghandu l-kariga fid-ditta intimata ta' Direttur. Mistoqsi dwar jekk hemmx ammont li ghandu jaghti qal li jikkontesta li l-ammont hu dovut u bl-ebda mod ma huwa cert. Eesebixxi ittra mibghuta lil Malta Shipyard Ltd dwar ix-xoghlijiet hziena li saru. L-ittra ufficjali ghandha d-data ta' Ottubru 2005. Cahad li iffirmajt *invoice* jew awtorizzah.

"Rat l-affidavit ta' Joseph Meli li permezz tieghu qal lil f'Gunju 2005 *Malta Shipyards Limited* accettat li taghmel xoghlijiet fuq il-barkun Michael III u t-*tug* Gabrielle. Iltaqa' ma' Joseph Zammit ghas-socjeta` intimata li ntrabtet li thallas hi u tibqa' responsabbli wahedha ghall-ispejjez

kollha tax-xoghlijiet (Dokument MSL7). Kuntratt ghat-tiswijiet gie iffirmat fit-28 ta’ Gunju 2005 bi ftehim li kull kwistjoni naxxenti minn dan il-kuntratt kellha tigi determinata b’arbitragg f’Londra (Dokument MSL6). Tlestew ix-xoghlijiet u Joseph Zammit ghas-socjeta` intimata accetta x-xoghol u l-*invoice* u ghalhekk fil-fehma tieghu ntrabat li jhallas lit-Tarzna l-prezz shih ta’ €158,397 (Dok MSL8) u *invoice* ohra ta’ €7334. Is-socjeta` intimata hallset b’kollox €150,000. Fis-26 ta’ Settembru 2005 kitbu lil Joseph Zammit ghall-bilanc ta’ €11,076 (Dok MSL14 u MSL16), izda b’ittra ufficjali tad-19 ta’ Ottubru 2005 saret interpellazzjoni lis-socjeta` rikorrenti biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni allegatament fuq xoghol hazin fuq il-barkun Michael III. Semma li dwar il-kwistjonijiet la joseph Zammit personalment u anqas is-socjeta` intimata ma ipprezentaw arbitragg jew li kellhom imorru arbitragg. Fl-20 ta’ Dicembru 2005 regghet saret talba ohra minghand is-socjeta` intimata, izda r-risposta kienet li hemm kwistjoni legali mat-Tarzna. Il-kwistjoni baqghet ma issolvietx u saru l-proceduri odjerni.

“**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

“***<u>D1. Fatti partikolari tal-kaz:</u>***

“Din id-decizjoni hi rigward il-klawsola arbitrali (klawsola 21.3 tad-Dokument MSL6 a fol 72 tal-process).

“Ir-rikorrenti sostniet li bejn il-partijiet kien hemm diversi xoghlijiet u l-klawsoli kienu *standard*. Semmew li l-klawsola li tvesti l-arbitragg f’Londra b’gurisdizzjoni esklussiva hija mizura prattika u espendjenti biex kwistjonijiet dwar xoghol b’konnessjonijiet internazzjonali jigu trattati u decizi b’mod gust f’*forum* indipendenti u maghruf sew fil-qasam marittimu.

“Izda hi sostniet li dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jghoddu bl-ebda mod ghall-kaz prezenti. Is-socjeta` intimata hija kumpanija Maltija li talbet lir-rikorrenti tizegwixxi xoghlijiet f’Malta fuq barkun li dak iz-zmien kien jinsab hawn Malta. Sostniet li l-*forum* maghzul m’ghandu l-ebda konnessjoni mal-obbligazzjoni u l-ezekuzzjoni taghha. Bhala prova ta’

dan stess tissemma l-ittra ufficjali datata 19 ta' Ottubru 2005, prezentata quddiem din il-Qorti.

"***D2. Validita` tal-klawsola arbitrali:***

"Din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Calibre Industries Limited vs Slipform Engineering Limite**d (Citazz. Numru 751/04FS) u deciza fid-19 ta' Novembru 2007 qalet:

"Fis-sentenza tal-Onor. Qorti tal-Appell Kum fil-kawza fl-ismijiet **Edwin Vella vs Wilfred Mamo noe** tat-13 ta' Ottubru, 1989 inghad li kif huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna klawsola arbitrali hija valida u dana in omagg ghall-volonta` libera tal-partijiet.

"Il-polza kienet tipprovdi li *all differences* kellhom jigu sottomessi ghall-artbitragg. Il-Qorti sabet illi din il-klawsola kienet tkopri l-mertu tal-kwistjoni. L-attur kien dahal fil-polza flok l-assikurat ta' qablu u ghalhekk kien jispetta lilu jarah x'hin huma l-kundizzjonijiet.

"Il-Qorti tal-Appelli ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti u ddikjarat ruhha inkompetenti in vista tal-klawsola arbitrali.

"Fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Laferla vs Sammy Attard** deciza mill-Onor Qorti App Kum fil-31 ta' Mejju, 1995 inghad li l-ligi trid tassikura li l-oggett tal-kontroversja u l-adezjoni tal-parti li l-kontroversja tkun rizoluta b'arbitragg, fost elementi ohra, ikunu jirrizultaw formalment minn kitba privata jew att pubbliku sabiex tkun evitata kwalunkwe incertezza. Konsegwentement jekk f'kaz din il-kitba ma saritx il-kunsens u l-accettazzjoni ma nghatawx validament skont il-ligi. Konsegwentement il-proceduri kollha bl-arbitragg - inkluz il-***lodo*** stess - ma jistghux jitqiesu li b'xi mod jivvinkolaw u jobbligaw lill-appellant.

"Fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Renato Cefai nomine vs Valletta Freight Services Limited** deciza mill-Prim Awla fit-30 ta' Marzu, 2001 mill-Imh. Caruana Demajo inghad li klawsoli arbitrali fil-kuntratti kellhom jigu rispettati u dan

anke jekk il-Qrati Maltin ukoll kellhom gurisdizzjoni konkorrenti.

"Ghalhekk klawsola arbitrali hija valida u dana in omagg ghall-volonta` libera tal-partijiet. Klawsoli arbitrali fil-kuntratti kellhom jigu rispettati u dan anke jekk il-Qrati Maltin ukoll kellhom gurisdizzjoni konkorrenti. Il-ligi trid tassikura li l-oggett tal-kontroversja u l-adezjoni tal-parti li l-kontroversja tkun rizoluta b'arbitragg, fost elementi ohra, ikunu jirrizultaw formalment minn kitba privata jew att pubbliku sabiex tkun evitata kwalunkwe incertezza."

"Fis-sentenza deciza minn din il-Qorti kif presjeduta (fl-1 ta' Dicembru 2008) fil-kawza fl-ismijiet **Christopher Grech vs Joseph Cutajar et** (Rikors Numru 790/07FS) inghad:

"Jidher li fil-gurisprudenza nostrana gie ritenut li:
"Il-Qrati taghna ammettew il-validita` tal-klawsola arbitrali, li tista' tigi stipulata anke biex l-obligazzjonijiet ezistenti bejn il- kontraenti tigi sottratta mill-gurisdizzjoni tat-Tribunali"

(Ara **Joseph Laferla noe vs Salvino Mizzi noe** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1964), kif ukoll fil-kawza **Edwin Vella vs Wilfred Mamo noe,** Appell Kummercjali datat 13 ta' Ottubru 1989.

"Kif huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza nostrana, klawsola arbitrali hija valida u dan in omagg ghall-volonta` libera tal-partijiet."

"Din kienet il-linja li ttiehdet mill-qrati taghna qabel l-emendi introdotti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tal-1995. Hu issa provvdut fl-Artikolu 742(3) tal-Kap 12 li:

"Il-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta' arbitragg ikunu nbdew jew le, f'liema kaz il-Qorti bla hsara ghad-

disposizzjonijiet ta’ kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf fil-procedimenti minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta’ dan l-artikolu u ghas-setgha li ghandha l-Qorti li taghti kull ordni jew direttiva.”

“Dan fil-fatt, gie mfisser u spjegat fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta’ Mejju 1998 **George Camilleri vs Hugh P. Zammit noe**:

“il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta’ kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta’ arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-Qrati Civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta’ tali ftehim ta’ arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skont kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta’ atti u mandat kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi……Dan ifisser illi d-disposizzjoniji 742(3) ma kinitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta’ klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-Qrati Civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsola arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika.”

“F’decizjoni ohra, **George Xuereb vs Accountant General et** datata 28 ta’ Frar 1997, il-Qorti tal-Appell diga kienet enuncjat illi:

“naturalment dan ma jfissirx li l-klawsola arbitrali fejn tapplika tista’ tigi reza bla ebda effett bis-semplici rikors lil dawn il-Qrati. Ifisser pero`, li din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni originali u “overiding” li tissindika wkoll l-applikazzjoni tal-ezekuzzjoni ta’ dawn il-klawsoli arbitrali.”

“Ara wkoll f’dan is-sens il-kawza deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Ottubru 2004, referenza

1246/97PS, fl-ismijiet J**oseph Micallef et vs Jovin Rausi noe**.

"Issa, fil-kaz in ezami, in vista ta' dan kollu enuncjat hawn fuq, il-klawsola arbitrali in kwistjoni hija operattiva. Il-klawsola kif inhi miktuba hija wiesgha u tinkorpora kull diskordanza li tinqala' bejn il-partijiet. Illi ma taghmilx differenza, li fil-fatt, ir-rikorrent agixxa *qua* azzjonista f'din il-kawza, galadarba l-*Memorandum and Articles of Association* isemmu b'mod specifiku "*members or the beneficial owners*," dan jinkludi wkoll [fil-kaz in ezami u mehud kont tal-lokuzzjoni wzata fl-artikoli 33 u 34 tal-*Memorandum*] lill-azzjonisti. Kwindi, ladarba l-*Memorandum and Articles* gie iffirmat miz-zewg kontraenti, ifisser li qablu fir-rigward tal-klawsoli elenkati hemmhekk. Ghalhekk din il-klawsola arbitrali fil-*Memorandum and Articles of Associa*tion tal-kumpanija hija valida, ghax voluta miz-zewg kontraenti, u ghaldaqstant ghandha tibqa' rispettata. F'dan il-kaz, ghalhekk, in vista ta' dak akkordat mill-partijiet fi klawsoli 33 u 34 tal-*Memorandum and Articles of Association*, tali diskordanza ghanda tigi differita lill-arbitru jew arbitri, skont il-kaz, u dan ghall-gudizzju opportun."

"***D3. Rinunzja ghall-klawsola arbitrali:***

"Is-socjeta` rikorrenti qed targumenta li s-socjeta` intimata interpellata ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni permezz ta' ittra ufficjali. A bazi ta' dan, is-socjeta` rikorrenti ssostni li s-socjeta` intimata irrinunzjat ghal dan il-patt kommissorju u iddecidiet volontarjament b'mod tacitu li tissottometti ruhha ghall-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, u cioe` li tirrinunzja ghall-arbitragg.

"In sostenn ta' dan l-argument is-socjeta` rikorrenti tikkwota **Ignatius Gatt vs Franco Faccetti et**, Appell, 10 ta' Ottubru 2003:

"Iz-zewg partijiet kellhom it-tnejn indaqs l-obbligu kontrattwali, wara li tfacca d-dizgwid serju bejniethom, li jirreferu l-kwistjoni ghad-decizjoni tal-arbitru minghajr dewmien. Huwa principju sagrosant tal-ligi li l-kuntratti

ghandhom jigu esegwiti bil-buona fidi. Din il-Qorti hi tal-fehma li mhux permess ghall-konvenuti li issa jinvokaw l-ezekuzzjoni tal-klawzola arbitrali f'din il-kawza meta bil-passivita' prolungata taghhom, kienu wrew bic-car li ma kellhomx l-intenzjoni li jimxu fit-triq tal-arbitragg".

(ara f'dan is-sens ukoll **Calibre Industries Ltd vs Muscat Motors Ltd.** Appell, 25 ta' Frar 2005).

"Izzid li kull parti tista tirrinunzja, kemm espressament u anke tacitament, ghal dak il-patt (ara fost ohrajn **Edward Rizzo pro et noe vs Major Arthur D. Abbott pro et noe** Prim' Awla, 26ta' Ottubru 1952).

"Insistiet li:

"il-qrati taghna dejjem sostnew li l-gurisdizzjoni taghhom ma tispiccax awtomatikament bil-ftehim tal-partijiet li jissotomettu l-kwistjonijiet ta' bejniethom lil gurisdizzjoni estera, jekk jirrizulata li jkun aktar prattiku u espedjenti li l-qrati Maltin jiddeterminaw il-kwistjoni (**Gatt vs Gollcher,** Kummerc, 14 ta' Novembru 1916, XXIII.iii.484). F'dan ir-rigward, il-qrati taghna segwew il-prattika tal-qrati Inglizi "maghrufa bhala *forum nonconveniens* li titlob lil dak li jopponi l-gurisdizzjoni li jissodisfa lill-Qorti li l-gurisdizzjoni estera li jkun qed jinvoka tkun tista taghmel gustizzja bejn il-partijiet sostzajalment b'anqas inkonvenjenza u spiza, u li ma tipprivax lill-attur minn vantagg personali, legittimu jew legali li huwa jkollu fil-gurisdizzjoini fejn ippropona l-kawza'' (**Bonello vs Mifsud,** Kummerc, 30 ta' April 1938 (XXX.iii.373).

"Izda fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Luigi Spiteri Debono vs Dr. Louis Galea noe** tal-15 ta' Mejju 1931 kienet qalet hekk:

"*E` valida li clausola arbitrale merce` cui tutte le questioni insorgenti durante l'esecuzione di un contratto debbano essere deferitead una deterinate camera arbitrale estera….. L'inadempimento ed i conseguenziali danni sono tra gli effetti di un contratto''.*

"Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Walter Bonello noe vs P.L. Ercole Valenzia noe** tat-30 ta' Gunju 1948, deciza mill-Qorti tal-Kummerc intqal:

"ghalkemm il-Qorti ghaddiet ghall-konjizzjoni tal-mertu sabiex tara sa fejn tista' tasal u tifhem ahjar il-kwistjoni, il-konvenut *nomine* baqa' jinsisti fuq dik l-eccezzjoni [ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni], u l-Qorti ma tistax ma tiehu konjizzjoni taghha, ghax il-kuntratti ghall-partijiet kontraenti ghandhom is-sahha ta' ligi, u ghandhom jigu ezegwiti bil-bwona fede…… Dak il-patt [i.e. il-lodo arbitrali] ma hux kuntrarju ghal-ligi, ghax il-Qorti tibqa' dejjem kompetenti biex tinvestiga l-validita` u l-effikacja tal-arbitragg …… U la darba l-patt aritrali huwa validu, u l-Qorti ma tara ebda impossibilita` fl-osservanza tieghu da parti tal-attur, ebda raguni ma hemm biex l-atur ma joqghodx ghal dak il-patt. Il-fatt li l-arbitragg kellu jsir f'Londra ma jaffettwax il-validita` u l-legalita` tal-patt …"

"Din il-Qorti taqbel ma' dak sostnut mis-socjeta` intimata. Hu dejjem prezunt li ftehimijiet ma jsirux ghal xejn u l-partijiet jaghmluhom il-*buona fede*. Jekk ma jkunx hemm rinunzja tal-klawsola arbitrali, din ghandha tkun effikaci. Ir-rinunzja trid dejjem tkun cara ghax altrimenti mhix sostenibbli. Trid tkun jew espressa, u anke possibbilment tacita, izda certament mhux ekwivoka. Infatti r-rinunzja dejjem trid tkun cara, anke jekk tacita. Difatti fil-kawza fl-isimijiet **Calibre Industries Ltd vs Muscat Motors Limited**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2005, gie ritenut illi:

"rinunzja ghall-klawsola arbitrali, bhal kull parti tal-ftehim li ritenut ikkonkordaw il-partijiet, trid tkun cara u inekwivoka….. biss din il-Qorti jidhrilha li tali rinunzja mhux necessarjament tkun espressa izda tista' tkun anke tacita."

"Huwa minnu illi f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell irriteniet illi d-dritt ghall-klawsola arbitrali kien gie rinunzjat, pero` wiehed irid iqis ic-cirkustanzi differenti li fihom gie deciz dak il-kaz, wara li l-Qorti irreferiet espressament ghall-fatt illi s-socjeta` attrici f'dik il-kawza kienet invokat il-klawsola

arbitrali permezz ta’ *fax* izda l-partijiet baqghu ma waslux ghal arbitragg, u dan stante li wahda mill-partijiet injorat ghal kollox l-invokazzjoni espressa tal-klawsola arbitrali min-naha tal-parti l-ohra.

“Fil-fehma tal-Qorti l-ittra ufficjali mibghuta mis-socjeta` intimata kienet intiza semplicement biex tissalvagwardja d-drittijiet taghha u la kienet tirreferi ghall-proceduri gudizzjarji u lanqas ghal dawk arbitrali. L-ittri ufficjali bejn il-partijiet hallew kompletament miftuha l-possibilita` tal-arbitragg. B’ebda mod ma irrizultat rinunzja cara, certa u inekwivoka, anke jekk tacita [ara **Maria Carmela Casha noe vs Albert Mizzi et noe**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta’ Gunja 1985 fejn il-Qort qalet:
‘ir-rinunzja trid tkun cara u univoka u s-silenzju wahdu, meta mhux akkopjat ma’ xi haga ohra, ma jistax jigi interpretat bhala li jammonta ghal rinunzja’.

“Lanqas ma irrizultat tali passivita` kif jissemma fil-kawza fl-ismijiet **Gatt et vs Facchetti pro et noe et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta’ Ottubru 2003.”

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghogobha
“tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Mejju 2009, u minflok tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta appellata, u konsegwentement, filwaqt li taghti dawk l-ordnijiet u d-direttivi li jidhrulha xierqa, tordna li l-atti ta’ din il-kawza jergghu jintbaghtu quddiem l-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kawza skont il-ligi. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-aggravji tas-socjeta` appellanti huma (a) apprezzament hazin tal-Ligi u tal-gurisprudenza in materja

ghaliex f'dan il-kaz kien hemm rinunzja cara u definittiva ghall ftehim arbitrali da parte tas-socjeta` appellata volontarjament u b'ghazla taghha b'mod li uriet li ssottomettiet ruhha ghall-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti; (b) l-klawsola arbitrali fic-cirkostanzi hija wahda inoperattiva u ma tistax titwettaq, u dan ghaliex il-pendenza odjerna hija bejn zewg kumpaniji Maltin fuq barkun li kien dak iz-zmien Malta, u fic-cirkostanzi tal-kaz jinghad li anke wara l-emendi li saru bl-Att XXIV tal-1995 dwar l-Artikolu 742 (3) tal-Kap. 12, il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin baqghet tghodd, u l-Qorti baqghet tezercita r-rwol ta' regolatur dwar tali ftehim - **George Camilleri v. Hugh Zammit nomine** (A.C. – 4 ta' Mejju 1998); **"George Xuereb vs Accountant General et"** (A.C. – 28 ta' Frar 2007); **Valfracht Roro Line Limited vs Skiadis Kaptan Nicolaos nomine"** (P.A. – 10 ta' April 2003).

Illi dwar l-ewwel aggravju l-fatti saljenti li huma relevanti ghad-determinazzjoni tal-vertenza huma li kien iffirmat il-ftehim datat 28 ta' Gunju 2005 (Dok. "MSL 6") sabiex isir xoghol mis-socjeta` appellanti inkarigata mis-socjeta` appellata fuq il-barkun Michael III u fuq it-*tug boat* Gabrielle li kienu dak iz-zmien jinsabu Malta. Dan il-ftehim kien jinkorpora klawsola ta' ftehim arbitrali li in forza tieghu l-arbitragg kellu jsir Londra kif jirrizulta minn paragrafu 21.3 tal-istess ftehim citat fis-sentenza appellata.
Jirrizulta li saru x-xoghlijiet u anke il-hlas ta' €150,000 fil-5 ta' Awwissu 2005 li kien ikopri l-valur tax-xoghol kollu li sar fuq il-Gabrielle u pagament in parti fuq il-valur tax-xoghlijiet fuq il-barkun Michael III. Fis-26 ta' Settembru 2005 is-socjeta` appellata giet interpellata sabiex thallas il-bilanc ta' €11,076 kemm b'*e.mail* datata 26 ta' Settembru 2005 (Dok. "MSL 14 – fol, 82) u wkoll b'ittra datata 18 ta' Ottubru 2005 (Dok. "MSL 16" – fol. 84).

Illi b'risposta datata 17 ta' Ottubru 2005 (Dok. "MS 16 – fol. 83) is-socjeta` appellata irrispondiet li hija kienet ipprezentat kontra s-socjeta` appellanti ittra ufficjali ghad-danni u kienet ghadha qed tistenna risposta ghall-istess ghaliex allegat li x-xoghol kien sar hazin. Fil-fatt l-ittra ufficjali giet prezentata wara tali data ezattament fid-19 ta' Ottubru 2005 (Dok. "MSL 17" – fol. 85) li biha interpellat

lis-socjeta` appellanti ghad-danni lilha allegatament ikkawzati minhabba l-allegat xoghol hazin.

Is-socjeta` appellanti regghet kitbet b'email lis-socjeta` appellata sabiex thallas il-bilanc pretiz fl-20 ta' Dicembru 2005 (Dok. "MSL 18") u peress li ma gara xejn, giet prezentata wkoll ittra ufficjali datata 29 ta' Jannar 2007 (Dok. "MSL – 19" – fol. 90) li s-socjeta` appellata giet notifikata biha fl-1 ta' Frar 2007 skont riferta relattiva (fol. 91).

Is-socjeta` appellata irreagixxiet ghall-istess, b'ittra ufficjali minnha prezentata fid-9 ta' Frar 2007 (Dok, "MSL 20" – fol. 92), fejn irreferiet ghall-ittra ufficjali taghha precedenti datata 19 ta' Ottubru 2005 u interpellat ghal darba ohra lis-socjeta` apppellanti sabiex tersaq ghal-liwidazzjoni ta' danni lilha allegatament ikkawzati minhabba allegat xoghol hazin maghmul mis-socjeta` appellanti u qaltilha wkoll li *"tant biex taghraf timxi a skans ta' spejjez gudizzjarji inutili."* Is-socjeta` appellanti giet notifikata b'dan l-att gudizzjarju fl-14 ta' Frar 2007 (fol. 93) u fit-13 ta' Novembru 2007 saret din il-kawza.

Illi minn dawn il-fatti jirrizulta li l-pretensjoni attrici gejja mis-sena 2005, u l-allegazzjoni ta' danni da parte tas-socjeta` appellata tqajjmet l-ewwel darba minna fis-sena 2005. Mill-iskambji ta' ittri, inkluzi dawk ufficjali, minn imkien ma jirrizulta li s-socjeta` appellata qajmet qabel il-kawza il-punt tal-klwasola arbitrali.

Mhux hekk biss izda hija stess interpellat lis-socjeta` appellanti fil-Qrati Maltin sabiex jigu likwidati d-danni lilha kkawzati, izda sallum l-istess socjeta` appellata ma resqet l-ebda talba sabiex dak minnha pretiz jigi deciz fl-arbitragg stipulat fil-ftehim.

Fil-fatt l-ewwel darba li hija semmiet l-klawsola arbitrali kien biss wara li giet notifikata b'din il-kawza, u dan ghamlitu permezz ta' nota fl-atti datata 7 ta' Dicembru 2007. Dan allura huwa iktar minn sentejn minn meta hareg il-kont finali fit-22 ta' Lulju 2005 (Dok. "MSL 8" – fol.

75) u minn meta sar pagament akkont skont ricevuta datat 23 ta' Awwissu 2005 (Dok. "MSL 11" – fol, 78).

Dan jindika b'mod car u palez li qabel ma saret din il-kawza s-socjeta` appellata ma kinitx qed tinsisti fuq il-klawsola arbitrali, minkejja li din il-pendenza kienet ilha sejra iktar minn sentejn. Mhux biss izda jirrizulta wkoll li interpellat lis-socjeta` appellanti ghad-danni bl-ittri ufficjali imsemmija fil-Prim' Awla, izda fl-istess hin, anke ghal pretensjoni taghha ta' danni, (li qatt ma kwantifikat) hija bl-ebda mod ma rreferiet ghal xi klawsola arbitrali.

Jirrizulta li lanqas meta hija giet interpellata biex thallas l-ammont bilancjali (li huwa wiehed relattivament zghir meta kkomparat mal-valur tax-xoghlijiet esegwiti), ma rreferiet ghal klawsola arbitrali, u lanqas hadet pass sabiex tali arbitragg isehh jew inkella jinbeda, u din hija s-sitwazzjoni li ghadha hekk sallum.

F'dan l-isfond din il-Qorti thoss li ghalkemm ma hemmx dubju li l-klwasola arbitrali hija valida, din ma teliminax il-kompetenza ta' din il-Qorti, li hija dejjem kompetenti **(Artikolu 742 (3) tal-Kap. 12)**, u hawn issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **George Camilleri v. Hugh P. Zammit noe** (A.C. – 4 ta' Mejju 1998) fejn inghad:-

*"il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-Qrati Civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta' tali ftehim ta' arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skont kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandat kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi……Dan ifisser illi d-disposizzjoniji 742(3) ma kinitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta' klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-Qrati Civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsola arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm*

*lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika.”*

Illi pero` huwa wkoll relevanti dak li nghad fis-sentenza **Ignatius Gatt et v. Franco Facchetti et** (A.C. – 10 ta’ Ottubru 2003) fis-sens li:-

*“Fi kliem iehor, iz-zewg partijiet kellhom it-tnejn indaqs l-obbligu kontrattwali, wara li tfacca d-dizgwid serju bejniethom, li jirreferu l-kwistjoni ghad-decizjoni tal-arbitru minghajr dewmin. Huwa principju sagrosant tal-ligi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-buona fidi. Din il-Qorti hi tal-fehma li mhux permess ghall-konvenut li issa jinvokaw l-ezekuzzjoni tal-klawzola arbitrali f’din il-kawza meta wrew passivita` prolungata taghhom, kienu wrew bic-car li ma kellhomx l-intenzjoni li jimxu fit-triq tal-arbitragg. Irrizulta li bl-imsemmija ittra ufficcjali (ara para 7 supra) , l-attur kien ta r-ragunijiet tieghu ghaliex ma kienx dispost li jissottometti ruhu ghal arbitragg kondott mill-persuni li jissemmew fil-klawzola arbitrali. Fl-istess ittra huwa kien intima lill-konvenuti biex jirregolaw ruhom. Din il-Qorti hija soddisfatta li, la darba l-konvenuti ma ikkontradixxewx lill-attur, u lanqas ma ressqu huma stess il-vertenza bejniethom quddiem l-arbitru imsemmi fil-ftehim, kif kellhom id-dover li jaghmlu, allura wiehed ragonevolment ghandu jasal ghall-konkluzjoni li huma gew li accettaw il-posizzjoni li ha l-attur fil-konfront tal-klawzola arbitrali u konsegwentement irrinunzjaw tacitament ghall-effetti tal-istess klawzola”.*

Illi s-soluzzjoni tal-pendenza odjerna trid tittiehed ukoll fl-isfond ta’ dak li nghad fid-decizjoni **Calibre Industries Ltd. v. Muscat Motors** (A.C. – 25 ta’ Frar 2005) fis-sens li:-

“*Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti irrilevat li ghalkemm il-partijiet, fil-klawsola 53 tal-kuntratt tal-appalt, kienu stipulaw li “Any dispute ......shall be finally settled by arbitration.....” irrizulta bl-aktar mod car li ghalkemm kien hemm kontroversja bejn il-kontraenti s-socjeta` konvenuta naqset li tirrispetta x-xewqa tas-socjeta` attrici li kull pendenza tigi deciza bl-intervent ta’ persuni indipendenti*

*kif titlob il-klawsola imsemmija. Infatti jidher li minkejja zewg faxes u ittra ufficjali mibghuta mill-istess socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta la wiegbet u lanqas ma jirrizulta li ghamlet xejn biex il-proceduri ta' arbitragg jinbdew. F'dan il-kuntest din il-Qorti tosserva wkoll li l-obbligu li wiehed jirrikorri ghall-procedura ta' arbitragg meta jinqala' disgwid qieghed fuq iz-zewg partijiet u ghalhekk meta s-socjeta` attrici kitbet lis-socjeta` konvenuta fis-6 ta' April, 2001 (fol. 91), fejn issottolineat il-punti ta' divergenza, u dan wara laqgha li kienet saret bejn il-partijiet interessati fit-2 ta' April tal-istess sena, kien jinkombi ukoll fuq is-socjeta` konvenuta li tibda hi stess proceduri ta' arbitragg biex il-vertenza tigi solvuta. Izda ghal darb ohra jidher li s-socjeta` konvenuta injorat kompletament din l-ittra.*

"*Il-kaz ta' Gatt v. Facchetti ma giex invokat mill-ewwel Qorti bhala bazi tas-sentenza taghha izda biex isahhah l-argument tal-istess Qorti li l-inattivita` tal-parti wara interpellazzjonijiet ghandu jwassal ghac-cahda tal-eccezzjoni. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.*

"*Dwar it-tieni aggravju ssir riferenza ghal dak li inghad fir-rigward tal-ewwel aggravju billi jirrizulta ampjament li s-socjeta` konvenuta naqset li tirreagixxi sew ghal punti ta' divergenza li gew sollevati mis-socjeta` attrici, u izjed u izjed naqset li tipprocedi bl-arbitragg meta, fl-ittra ossia fax tad-9 ta' April, 2001, giet moghtija ultimatum meta intqal li "In case the above fail to materialize, (u dan b'referenza ghat-talba ghall-hlas tal-bilanc u soluzzjoni tal-pendenzi) we have no choice but to apply clause 53 of the contract as from today week, that is Monday, April 16, 2001. "Gia la darba l-klawsola imsemmija giet invokata mis-socjeta` attrici huwa ghal kollox irrilevanti jekk sussegwenti ghal dan baqghu jsiru xi diskussjonijiet, ghalkemm anke dwar dawn ma tressqet ebda prova konklussiva*."

Illi applikati dawn il-principji u l-insenjamenti ghall-kaz in ezami jirrizulta li effettivament minkejja li llum fil-kawza s-socjeta` appellata qajmet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti ghaliex qed tghid li l-istess giet esklusa bil-klawsola arbitratali, fil-verita` jirrizulta li ghal

iktar minn sentejn qabel ma saret din il-kawza, hija qatt ma ccitat tali klawsola, u lanqas hadet xi pass sabiex il-kontroversja bejn il-partijiet tigi rimessa ghall arbitragg, u hekk baqghet is-sitwazzjoni sallum, anke fuq l-allegazzjoni ta’ xoghol hazin li hija allegat li s-socjeta` appellanti esegwiet. Dan minkejja li x-xoghol in diskussjoni ilu li sar mill-2005.

Kull ma hemm huma zewg ittri ufficjali li saru f’din il-Qorti sabiex jinterpellaw lis-socjeta` appellanti sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni, l-istess ittri prezentati wara li s-socjeta` appellanti interpellat lis-socjeta` appellata sabiex thallas il-bilanc mertu tal-kawza odjerna. F’dawn ic-cirkostanzi, inkluz allura s-skiet tas-socjeta` appellata qabel il-kawza, fis-sens li qatt ma ghamlet riferenza ghall-klawsola arbitrali, u wkoll in-nuqqas taghha ghal tul sostanzjali ta’ zmien li tirreferi l-pendenza/i ghall-arbitragg, din il-Qorti thoss li s-socjeta` appellata uriet bic-car li ma kellhiex l-intenzjoni li timxi ghat-triq tal-arbitragg, izda biss qed tuza l-istess sabiex tistultifika l-azzjoni attrici.

Illi anke in vista tal-principju li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti *in bona fede*, din il-Qorti thoss li l-ewwel aggravju huwa ben gustifikat, u bl-agir stess tas-socjeta` appellata, li kienet ukoll qed tanticipa li kienu ser jinbdew kontra taghha proceduri gudizzjarji f’Malta (ara ittra ufficjali 9 ta’ Frar 2007 (Dok, “MSL 20”)), izda baqghet ma semmiet u ghamlet xejn sabiex taghti effett lill-klawsola arbitrali, jirrizulta li hija rrinunzjat ghall-ftehim tal-arbitragg. Fil-fatt, tali eccezzjoni preliminari kif formulata hija fic-cirkostanzi tal-kaz intiza biss biex toqtol din il-vertenza kemm minhabba l-impossibbilita’ tas-socjeta` rikorrenti li tipprocedi ghall hlas pretiz minnha (u dan anke tenut kont tas-sorte u l-ispejjez involuti sabiex isir arbitragg), u wkoll ghaliex bl-agir taghha s-socjeta` appellata uriet b’mod inekwivoku u car li hija qatt ma kellha intenzjoni li tipprocedi skont l-istess klawsola. B’hekk biss tista’ tigi spjegata l-passivita` taghha li tirreferi l-kaz ghall-arbitragg jew almenu li taghmel xi pass sabiex tesegwixxi l-istess.

B’hekk l-appell odjern qed jigi milqugh.

Ghalhekk din il-Qorti tilqa' l-appell u allura tirrevoka d-decizjoni appellata tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' Mejju 2009, u minflok tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta appellata u tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tigi deciza l-kawza fil-mertu fid-dawl tal-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta` appellata.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi ta' din is-sentenza kontra s-socjeta` appellata VPJ Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------